# IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM TAL-ĦILIET

# TAL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA

## IT-TMIEN SENA - ROTTA 3



| It-Temi li madwarhom għandhom jiġu żviluppati dawn il-kisbiet huma: | |
|---|---|
| Tfannid fuq it-temi tas-7 Sena - Rotta 3 | Postijiet ta' interess f'Malta |
| L-isport | Aspetti kulturali bħal festi |
| Fil-librerija - Il-kotba u l-gazzetti | |

| It-Taħdit | |
|---|---|
| **1** | Nitħaddet fuq suġġetti li jiena midħla tagħhom b'mod ċar imma bil-mod, fejn il-vokabularju użat mhuwiex biss dak bażiku iżda b'sentenzi sempliċi**.** |
| **2** | Nagħti struzzjonijiet b'vokabularju mhux bażiku biss u b'sentenzi sempliċi li ma jkunx fihom aktar minn 5 verbi fl-Imperattiv pożittiv dwar affarijiet li jien midħla tagħhom bħal ngħidu aħna kif tħaddem xi makkinarju. |
| **3** | Nirrakkonta l-ġrajja ta' ktieb/film f'sentenzi qosra u sempliċi; nagħti tagħrif fil-qosor dwar il-karattru ewlieni u ngħid għaliex għoġobni u m'għoġobnix. |
| **4** | Nagħti l-opinjoni tiegħi bi frażjiet sempliċi dwar suġġett li jien midħla tiegħu u nqanqal interess fl-udjenza waqt li nippreżentah. |
| **5** | Nuża f'sentenzi, strutturi grammatikali f'sentenzi li jkunu ġew mgħallma lili minn qabel. |

| Is-Smigħ | |
|---|---|
| **1** | Nifhem informazzjoni essenzjali minn siltiet irrekordjati/bil-fomm ta' bejn 230-250 kelma li jittrattaw temi kurrenti li huma mwassla bil-mod u b'mod ċar. |
| **2** | Nifhem direzzjonijiet li jgħinuni nasal minn post għal ieħor ta' mhux aktar minn 5 punti imwassla lili b'mod ċar u bl-użu tal-viżiv li jgħinuni nasal minn post għal ieħor dwar postijiet li smajt dwarhom imma miniex daqshekk midħla tagħhom. |
| **3** | Nifhem messaġġi, avviżi qosra u rapporti, (inkluż rapport tat-temp) dwar suġġetti li jien midħla tagħhom ta' bejn 230-250 kelma ladarba d-diskors huwa artikolat b'mod ċar, bil-mod u bl-użu ta' għajnuniet grafiċi. |
| **4** | Nifhem biex nagħżel l-informazzjoni essenzjali minn kontenut ta' bejn 230-250 kelma ta' materjal awdjo, rrekordjat u mxandar li jista' jinkludi poeżiji u kanzunetti fuq suġġetti li jien midħla tagħhom b'diskors artikolat, bil-mod u b'mod ċar. |

| | **Il-Qari** |
|---|---|
| **1** | Nifhem artikli u rapporti ta' bejn 230-250 kelma, miktuba b'mod ċar dwar problemi kontemporanji li jiena midħla tagħhom li fihom il-kittieb juża opinjonijiet partikolari. |
| **2** | Naqra u nifhem avviżi qosra filwaqt li nislet l-informazzjoni li għandi bżonn biex ngħin u norjenta ruħi f'sitwazzjonijiet li niltaqa' magħhom. |
| **3** | Nidentifika l-punti ewlenin f'artiklu qasir f'gazzetta, f'ittri u fuljetti ta' bejn 230-250 kelma dwar suġġett li jien midħla tiegħu. |
| **4** | Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura bħal l-ittri kapitali, is-sing,l-aċċent grafiku, il-punt, iż-żewġ punti, il-virgola, il-virgoletti, il-kursiv, il-puntini, il-parentesi, is-sinjal tal-mistoqsija, is-sinjal esklamattiv u ż-żewġ punti. |

| | **Il-Kitba** (Tul 50-150 kelma) |
|---|---|
| **1** | Nikteb awtobijografija jew bijografija ta' xi personalità Maltija jew xi ħadd immaġinarju. |
| **2** | Nikteb ittra personali biex nirringrazzja, nistieden jew nitlob skuża lil xi ħadd. |
| **3** | Nikteb 10 sentenzi biex niddeskrivi karattru li qrajt dwaru fi storja jew rakkont. |
| **4** | Nikteb storja/rakkont. |
| **5** | Waqt li nikteb nuża aspetti tal-metalingwa li nkun tgħallimt minn qabel. |